**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR NICOLAI SANT)**

**VS**

**GHASSAN AHMED KASSEB**

Kump Nru: 913/2010

Illum 29 ta' Jannar 2020

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ghassan Ahmed Kasseb detentur tal-karta tal-identita' numru 0318002L:

Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn is-16 ta' Jannar 2009 u l-20 ta' Novembru 2009 f'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bi hsara ghal Maria Concetta sive Mari Shires, ghamel qliegh b'qerq, meta l-ammont tal-hsara huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebghin centezmu (2,329.37) u jammonta ghal sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u sittin euro u wiehed u hamsin centezmu (27,667.51).

2. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit jew ghal persona ohra, minn haga ta' haddiehor (Maria Concetta sive Mari Shires) li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

3. Heddidt bi kliem lil Maria Concetta sive Mari Shires.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli indikati.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab addebitat bir-reati ta' qliegh b'qerq, mizapproprjazzjoni u theddid bi kliem fil-konfront ta' Maria Concetta sive Mari Shires u dan b'referenza ghall-perjodu bejn is-16 ta' Jannar 2009 u l-20 ta' Novembru 2009.

L-Ispettur Nicolai Sant xehed[1] li fit-8 ta' Frar 2010, Maria Concetta Shires irrapportat l-Ghassa ta' San Giljan li kienet giet frodata minn certu Ghassan Kasseb is-somma ta' €27,667. Stqarret li kienet saret taf lil dan il-persuna wara li kien ghamlilha xi xoghol ta' grafiato u dekorazzjoni fir-residenza taghha u saret hbieb mieghu, tant li anki stednitu gaht-tieg ta' bintha. Huwa ta;abha biex tghinu jiftah business f'Malta. Ried jimporta xi tissues f'Malta mis-Sirja, pero' sab xi diffikultajiet min-naha tal-Bank BOV biex itih self biex jibda dan il-business. Shires kellmet lil Manager tal-BOV, branka tal-Ibragg sabiex tkun tista' tinhariglu l-loan, izda Kasseb qabel ma kiseb il-loan talab lil Shires issellfu l-flus qabel halli jkun jista' jibda l-business u ma joqghodx jistenna sakemm jinhareg is-self. Kien ukoll talabha l-flus ghall-affarijiet personali fosthom ghall-edukazzjoni ta' ibnu. Shires accettat u tatu €17,000 permezz ta' cekk tal-BOV u dan sabiex jibda l-business tieghu. Fil-fatt irnexxilu jgib it-tissues minn Sirja, Shires hallset ukoll il-VAT, trasport u l-ispejjez tal-Freeport f'isem l-imputat, dejjem bil-kundizzjoni li huwa jtiha l-flus kollha meta tohrog il-loan. Shires ziedet li hija fethet account gdid bil-kundizzjoni li meta Kasseb ibiegh it-tissues jiddepozita l-flus fil-kont, pero' ghalkemm biegh

[1] Seduta tat-22 ta' Settembru 2010

kwazi nofs il-prodotti li gab, qatt ma ddepozita flus fil-kont. Ix-xhud kompla li Kasseb kellu kumpanija f'Malta li kienet twettaq xoghol ta' dekorazzjoni, graffiato eccetra pero' din inghalqet minhabba problema finanzjarji u kellha zewg sekwestri fuqha, liema sekwestri thallsu wkoll minn Shires. Meta kien se johrog is-sel.ff, Kasseb qal lil Shires li ma kellux intenzjoni jhallasha lura l-flus ghax beda jsostni li hi tathomlu rigal. Huwa anke hdeddidha li kien se jhanxrilha ghonqha. Ghalhekk hija talbet lill-pulizija tinvestiga. L-imputat kien irrilaxxja stqarrija fit-2 ta' Settembru 2010[2].

In kontro-ezami[3], b'referenza ghall-istqarrija l-Ispettur ighid li fehem li s-self kien hareg izda fil-fatt issa rrizulta li ma kienx hareg. Huwa jaf li Shires u l-imputat marru flimkien u tkellmu mal-Bank Manager biex tghinu johrog loan. Kienet qaltlu li l-imputat kellu hanut Hal Qormi, kien jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni u gypsum u li kellu problema fil-business tieghu u kien hemm xi kwistjonijiet ta' mandati. L-Ispettur xehed li huwa ma kellimx lil Emanuel Dalli waqt l-investigazzjoni. Shires dejjem hbiberija semmiet li kien hemm bejniethom.

Maria Concetta Shires xehdet[4] li Kasseb kien ghamel xi xoghol fid-dar taghha, li kienet kuntenta bih. Sar habib tal-familja u kienu jirrispettawh u jhobbuh. Qalilha li kellu bzonn xi self mil-Bank biex jimporta t-tissues u qaltlu li kienet se tkellem lill-Manager taghha ghax kien jafha sew u kellha rapport tajjeb hafna mal-Bank. Kellmu lis-sur Dalli, Tal-Ibragg. Ma kienitx procedura facli imma kienu se jaslu b'xi mod. Sadanittant kellu xi dejn tat-tifel tal-universita' u qalilha li meta kien se jaghmel il-business u meta jigi s-self ihallasha mil-loan. Tixhed li l-Bank marru kemm-il darba u b'rispett taghha kien lest itih loan. Meta ccekkja fuq is-sistema, sab li kien hemm sekwestru fuq il-kumpanija tal-imputat u gie mgharraf li sakemm kien hemm is-sekwestri ma seta' jsir xejn. Ghalhekk biex hija tithallas mil-loan u biex tinhareg il-loan kellha tohrog il-flus ghas-sekwestri. Ix-xoghol gabu. Qabbdet lill-accountant taghha biex jaghmillu l-karti w il-costings u kollox biex jimporta x-xoghol. Silfitlu l-garaxx taghha ghal xahrejn biex jaghmel ix-xoghol fih u rrangaw li l-kontejner flok Hal Far jinfetah ghandha ghax beda jibza' li jekk is-sekwestri ma jitnehhewx u l-loan ma tigix u ma jbieghx hija ma kienitx tithallas. Qalilha li ried ibiegh ix-xoghol, tohrog il-loan biex ikollu x'jaqsam mal-Bank.

[2] Dok NS3 a fol 20 tal-process

[3] Seduta tat-18 ta' April 2012

[4] Seduta tat-22 ta' Settembru 2010

Silfitu l-flus. Hallset tax-xoghol, ma kellux flus ghal burdnar, ma kellux flus ghal VAT, is-sekwestri u hallset kollox hi. Wasal ix-xoghol u beda jbiegh. Il-Bank Manager hargilha cheque book apparti, li minnu harget cekk ta' €17,000 biex imur bihom is-Sirja jixtri x-xoghol, biex minn dan l-accountant kull ma jbiegh kellu jitfa' fih. Beda jbiegh u qatt ma wasl. Fl-ahhar marru jkellmu lil Bank Manager u rega' qalilha li jekk is-sekwestri jigu settled johrog il-loan. Cemplet lil Kasseb u qaltlu li l-loan kien wasal biex johrog u biex jahseb fiha u huwa qalilha li hija kienet tathomlu rigal. B'hekk marret ghand l-avukat. L-imputat mar ghandha rrabjat u qalilha biex twaqqaf l-ittra u jekk ma twaqqafhix kien se jhanxrilha ghonqha u jekk tirrapurtah ipattiha lilha u lil uliedha. Telaq jigri s-Sirja u meta haseb li l-affarijiet ikkwietaw gie lura. L-ammont li silfitu kien €27,667. Tatu €500 fi flus kontanti w l-ohrajn kollha b'cekk mil-kont kurrenti taghha mil-Bov.

In kontro-ezami xehdet[5] li x-xoghol fid-dar taghha dam jaghmlu xi tlieta/erba' gimghat, f'Gunju/Lulju 2008. Imbaghad qabad maghhom u jghidilhom kemm ihobbhom u kien idum granet ghandhom. Tichad li kienet tistiednu ghall-kafe'. Kellha l-haddiema d-dar u kienet taghmel kafe' lil kulhadd. Hija tichad li kellha relazzjoni mieghu. Cahdet li fil-weekends kien jorqod ghandha. Meta kien ikun ghandhom kien ighid li kellu bzonn xi flus biex jaghmel in-negozju u hija hennet ghalih. Talabha biex issellfu xi flus bil-patt li tehodhom lura u tirrangalu mal-Bank. Kienet marret mieghu l-Bank biex jaghtuh loan. Wara li marru l-Bank u ndunaw li kellu l-mandati

PS 1207 Robert Said Sarreo xehed[6] li kien l-ufficcjal li ha r-rapport tas-sinjura Shires[7] fit-8 ta' Frar 2010. Irrappurtat li fil-bidu tas-sena 2009 certu wiehed Ghassan Kasseb hadem fir-residenza taghha. Kien qalilha li xtaq jiftah business biex igib kontejner bit-tissues u jbiegghom. Bil-manjieri gentili tieghu, hija ddecidiet li tghinu billi tmur tkellem lil Manager Emanuel Dalli biex ighinu jiehu loan, kellmet anke l-accountant taghha Noel Muscat biex ighinu jissetilja l-affarijiet u Shires ukoll sellfitu l-ammont ta' €27,660 li dawn kienu jinqasmu: €500 flus ghal business, €17,000 biex igib il-kontejners bit-tissues li wara zmien gabhom, €2,333 flus biex ihallas l-universita' ghat-tifel, €3,000 biex isolvi l-problemi tal-business li kellu, €230.93 biex ihallas is-shipping service, €1,693 biex

[5] Seduta tas-17 ta' Gunju 2013
[6] Seduta tat-3 ta' Novembru 2010
[7] Dok RS

ihallas id-Dwana, €315.97 biex ihallas il-Freeport u €2,597.61 biex ihallas lil certu Anthony Schembri minhabba mandat ta' sekwestru fuq il-kumpanija tieghu Al Hayfaa. Shires qalet li fethet kont il-Bank biex Kasseb jiddepozita l-flus fih meta jibda jaghmel il-business biex ihallasha bil-mod lura izda qabel ma hareg loan, Shires staqsitu biex jitfa' l-flus fil-kont, kif kienu qablu, huwa qalilha li dawk il-flus kienu rigal u li jekk tfittxu kien se jhanxrilha ghonqha. In kontro-ezami qal li Shires ma qalitx li kellha relazzjoni ta' natura sentimentali ma' Kasseb.

Emanuel Dalli[8] xehed[9] li Shires kienet marret ma' Kasseb, l-imputat, biex tlaqqghu mieghu biex isellfuh biex jimporta tissues. Talabha certu dokumenti biex nibdewhom bhala proposta biex itellghuha l-head office. Il-proposta kienet fuq self biex jimporta tissues. Dan kien madwar sena jew sena w nofs qabel. Id-dokumenti qatt ma waslu w ghalhekk is-self ma nghatax. L-ammont ta' self qatt ma gie stabilit. Marru xi darbtejn ohra ghandu imma ma kienx hemm proposta. Huwa esebixxa sitt cekkijiet mahrugin mil-kont ta' Shires:

- Cheque no 1031[10] datat 16 ta' Jannar 2009 pagabbli lill-imputat fl-ammont ta' €2,330
- Cheque no 1033[11] datat 21 ta' Jannar 2009 pagabbli lill-imputat fl-ammont ta' €3,000
- Cheque no 1051[12] datat f'Mejju 2009 pagabbli lil Carmelo Caruana
- Cheque no 1053[13] datat 5 ta' Mejju 2009 pagabbli lil Malta Freeport fl-ammont ta' €315.97
- Cheque no 1052[14] datat 5 ta' Mejju 2009 pagabbli lill-Comptroller of Customs fl-ammont ta' €1693
- Cheque no 1097[15] datat 20 ta' Novembru 2009 pagabbli lil Anthony Schembri fl-ammont ta' €2,597.61

---

[8] Ibragg Branch Manager BOV

[9] Seduta tat-3 ta' Novembru 2010

[10] Dok ED1

[11] Dok ED2

[12] Dok ED3 – cekk konfermat minn Matthew Saliba li l-kumpanija thallset ghal shipment fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011

[13] Dok ED4 – Adrian Cachia ma setax jikkonferma fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 il-hlas ghaliex ma jinzammux records

[14] Dok ED5

[15] Dok ED6 – Anthony Schembri kkonferma li thallas minn Maria Shires u l-ammont kien dovut fuq kera ta' hanut

Wara, Shires qaltlu li kellha argument u li kien se jieqaf kollox. Jidhirlu li l-argument kien fuq xi self ta' flus. In kontro-ezami qal li bdew jitkellmu mal-imputat bhala facilita' li setghet tkun bhala loan u bhala overdraft. Jigifieri loan biex jibda l-business u overdraft biex tkopri ghad-daily expenses. Jidhirlu li marru darbtejn. Hija dejjem tkellmet favur hafna ta' Kasseb u rrakkomandatu. Imma l-fatt kien li Kasseb kien jaghmel xoghol ta' gypsum u li kien se jbiddel ix-xoghol u ghalhekk riedu certu dokumenti. Hija qalet li huwa *trustworthy person* minhabba li f'xogholu kien tajjeb izda x-xhud kellu bzonn business plan.

Noel Muscat, accountant, xehed[16] li s-sinjura Shires hija klijenta tieghu. Darba kienet kellmitu dwar xi hadd li xtaq jibda negozju. Mar il-hanut tahha u tkellem mal-imputat ukoll. Huwa kellu jgib xi affarijiet tat-tissues. Kien hemm problema dwar l-iffinanzjar u x-xhud issuggerixxa li l-imputat imur il-Bank. Billi beda ghaddej iz-zmien Shires kellha tohrog il-flus hija sakemm isiru l-arrangamenti mal-Bank. Kienu se jippruvaw igibu l-flus mil-Bank biex tiitiehed facilita' izda Shires kellha tohrog il-flus sakemm jaslu l-flus mil-Bank. L-imputat kellu jhallas lura lil Shires mil-flus li kellu jiehu mil-Bank. Il-business beda. Kien gab kontejner minn barra, izda l-flus mil-Bank ma waslux. Kellmu anki Bank iehor izda l-flus ma waslux. Shires qaltlu li baqghet ma thallsitx minghand l-imputat.

L-imputat xehed[17] li huwa ta' nazzjonalita' Sirjana u kien ilu joqghod Malta madwar sittax-il sena. Fiz-zmien tax-xhieda kien jahdem security. Fis-sena 2009 kellu hanut Hal Qormi bi shab ma' nies Maltin. Kellu irham, Mosaic, funtana, wall covering. Jixhed li Shires kienet marret il-hanut tieghu u dak il-hin kien hemm Lora Bugeja u din cemplitlu li kien hemm klijenta li riedet tkellmu. Ghazlet xi xoghol mil-hanut u gie deciz li jmur iwahhal ix-xoghol huwa malajr billi kienet se tizzewgilha t-tifla. Ghamlulha diversi xogholijiet u thallsu tax-xoghol li sar. Hija kienet tmur il-hanut u lilu stednitu d-dar ghal kafe' ghal xejn b'xejn. Mar izjed minn darba. Kellhom relazzjoni flimkien. Kienu johorgu flimkien anke ghand il-hbieb taghha. Bejn wiehed u iehor ir-relazzjoni damet sena. Spiccaw ghaliex ighid li darba nduna li kien hemm ragel iehor id-dar taghha u meta kkonfrontaha qaltlu lid ik darha u ddahhal lil min trid u li hija setghet taghmel li trid. Huwa qalilha li kellha kull dritt izda lilu tinsih u waqqaf ir-relazzjoni.

[16] Seduta tat-3 ta' Novembru 2010
[17] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2013

Ighid li wara li kien spicca hadmilha, kien hemm anki bintha u llum zewgha, kienu qed jitkellmu flimkien il-Hadd. Ix-xoghol tieghu kien batut u beda jahdem xufier ma' terz. Shires kienet tmur spiss il-hanut. Kien jorqod ghandha u hargitlu bl-idea tat-tissues, toilet paper u kitchen-roll. Qaltlu biex jaghmel il-verifiki tieghu s-Sirja u tghinu hija. Cempel u staqsa ghall-prezzijiet u qalilha. Kellmu lill-accountant taghha u tah id-dettalji tal-prezzijiet u inkorragihom. Rega' ltaqa' mal-accountant u kkonkludew li kellhom bzonn minn 45,000 sa 50,000 Euro biex idahhlu tlett kontejners. Qalilha li ma kellux flus. Wegbitu li ma kinitx problema, seta' jitlob self u li hija kienet lesta tkellem Habib taghha li kien Bank Manager. Qaltlu wkoll li t-tissues setghu jpogguhom fil-garaxx taghha. Hi marret diversi drabi l-Bank u hu mar darba. Is-self ma hadux. Imbaghad darba minnhom Shires cemplitlu biex imur ghal cejj ta' €17,000 biex imur is-Sirja biex igib it-tissues. Dak iz-zmien kien qed jistenna l-loan. Mar is-Sirja, u hadet hsieb kollox hi – hallset tad-Dwana, burdnar, VAT u zammet il-merkanzija fil-garaxx taghha.

Ikompli li meta waqqaf ir-relazzjoni, huwa qalilha li ried li l-business bejniethom ikompli. Qabel dan l-episodju fejn hu waqqaf ir-relazzjoni qatt ma talbitu l-flus lura. Tkellmet fuq il-flus wara li nqala' l-incident. Ghal kwazi xahar u nofs ma setax jiehu t-tissues fil-garaxx. Bit-transit waqaf. Waqaf mix-xoghol. Hu sostna li l-flus taghtomlu b'xejn biex jaghmel kuragg ghan-negozju. Ikkonferma li kien mistieden ghat-tieg ta' bintha, bhala Habib ta' Shires. Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu.

In kontro-ezami cahad li kien sar diskors ghand il-Bank Manager li Shires kellha ttih il-flus sakemm johrog il-loan, u meta johrog il-loan itihomlha lura. Cahad li kien hemm ftehim li mil-bejgh tat-tissues kellu jibda jtiha xi haga minnhom. Huwa ma kien jaf xejn dwar il-kont li ntqal li kellu jiddepozita fih. Jichad li kellu problema finanzjarji fil-business tieghu u li darba minnhom kellu jitlaq il-Germanja minhabba d-djun. Ikkonferma li l-kawza civili li Shires fethet fil-konfront tieghu, inqatghet kontrih li ghandu jaghtiha l-ammont ta' €27,000. M'appellax ghax ma kellux flus.

Lorenza Bugeja xehdet[18] li l-imputat kien habib tal-familja u kienet biss partner mieghu. Kienu jimportaw wall-covering u rham. Bdew fis-sena 2003/4 u damu madwar 7 snin. Ghalqu ghax ma marrux tajjeb. Lil Shires tafha ghax kienet klijenta taghhom. Xi Gunju 2008 Shires marret il-hanut

[18] Seduta tat-12 ta' Novembru 2013

u ordnat xi xoghol. Hija marret diversi drabi u baqghet tmur il-hanut bhala habiba ta' Kasseb. Kellhom relazzjoni flimkien bhala koppja. Bdiet lejn Ottubru 2008. Qalilha Kasseb. Kienet tmur il-hanut spiss, iccempel spiss biex tkellmu u qalet ukoll li Kasseb kien ighid li Shires kienet se tghinu jiftah business iehor. Hija ma kinitx prezenti meta sar kliem bejn Kasseb u Shires fuq il-flus. Kasseb dejjem semma ghajnuna. Shires baqghet tmur il-hanut sal-bidu ta' Dicembru 2008. In kontro-ezami tghid li r-relazzjoni taghha mal-imputat hija ta' hbieb u business partners. Mistqosija tiftakarx jekk f'Settembru 2009, Shires waslithix il-poliklinika wiegbet fl-affermattiv ghax kienet il-hanut u zelqet u hadet wiccha. Kasseb ma kienx hemm, ir-ragel ma tafx u t-tfal kienu xoghol u cemplet lil Shires. Tichad li kienet qaltilha li sfat imsawta mil-imputat.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn irid jigi rilevat li d-dewmien f'dawn il-proceduri in parte jirrizultaw mil-fatt li l-imputat, siefer bil-permess tal-Qorti f'Lulju 2015 u deher biss fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2018 u dan billi l-Qorti kienet qed tigi infurmata li huwa nqabad is-Sirja.

Irid ukoll jigi rilevat li billi kien hemm tibdil fil-Magistrat li kien qieghed jippresjedi l-kaz, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015 il-partijiet kienu ezentaw lill-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda kollha salv ghax-xhieda ta' Maria Shires. Biss pero' Maria Shires ma regghetx xehdet. Madankollu l-Qorti xorta wahda se tikkunsidra x-xhieda taghha ghaliex in verita' lanqas kienet necessarja li l-Qorti tigi ezentata u dan anki in vista tal-insenjament riportat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ellul Sullivan et**[19] dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Cassar**[20]**.**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

L-imputat jinsab addebitat bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[21] gie ritenut:

---

[19] Qorti Kostituzzjonali moghtija fil-25 ta' Settembru 2015
[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-27 ta' April 2015
[21] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

U kif jispjega Antolisei:

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato"***[22]

Mill-provi rrizulta li fuq perjodu ta' ftit xhur ir-rikorrenti tat flus kontanti u harget cekkijiet a beneficcju tal-imputat. Uhud mic-cekkijiet hargu fuq ismu personali mentri ohrajn fuq Anthony Schembri, Kontrollur tad-Dwana, Carmelo Caruana u Vat. Ir-retroxena ta' dawn ic-cekkijiet kienet: l-imputat u l-parte civile, fil-fehma tal-Qorti, abbazi tal-provi prodotti kellhom aktar minn semplici hbiberija u dan billi huwa ovvju li l-imputat kien midhla sew tal-parte civile. Imur id-dar, mistiegen ghat-tieg ta' bintha meta ftit kienu ilhom li ltaqghu, marru ghand hbieb taghha flimkien, kienet tmur il-hanut spiss, offriet li tghaddilu kelma mal-Bank Manager u tohrog flus minn butha daqshekk facilment. In realta' mhux ghaliex huwa daqstant relevanti kienx hemm hbiberija jew oltre' minn hekk, izda huwa punt li kellu jigi rilevat xorta wahda biex il-fatti jemergu cari.

[22] Citat fis-sentenza Il-Pulizija vs Patrick Spiteri, Deciza 22 t'Ottubru, 2004

Jirrizulta li beda jsir diskors bejn Maria Shires u l-imputat dwar il-possibilita' li huwa jibda negozju ta' natura diversa li kellu. L-istess parte civile tixhed li l-imputat infurmaha li huwa ma kellux flus, tant huwa hekk li hija stess akkumpanjatu l-Bank u avvicinat il-manager tal-Bank, Emanuel Dalli, li lilha kien jafha billi klijenta tal-istess Bank, u bdiet tinsisti kemm l-imputat kien bniedem ta' min jafdah u li ghalhekk kellha tinhareg facilita'.

Il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jixhed u jsostni li l-flus, li huwa jammetti li rcevihom, li dawn tathomlu biex tghinu w ghaldaqstant bhal donnu rigal. Ma jistax jitwemmen ghax xhieda li huma independenti u m'ghandhomx interess fil-kwistjoni bejn il-partijiet ossija Emanuel Dalli u Noel Muscat, ikkonfermaw dak mistqarr mill-parte civile ossija li l-flus hija kienet qeghda ssellifomlu sakemm jiehu l-facilita' u jithallas b'hekk.

Minn dak li rrizulta mill-provi, il-Qorti jidhrilha li ma giex ippruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jqarraq bil-parte civile fil-mument li hi sellfitu l-flus. Fl-ewwel lok, hija kienet taf li l-imputat kellu problem finanzjarji, kemm ghaliex qalilha li ma kellux flus, kif ukoll ghaliex meta marru l-Bank hija saret taf li kienu nhargu sekwestri fil-konfront tieghu u/jew tal-kumpanija tieghu. Ma rrizultax ezatt d-dati meta marret il-Bank izda c-cekkijiet hargu fuq medda ta' xhur. It-tissues ingabu izda ghalkemm l-imputat beda jbiegh minnhom, gara li r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat hazin u ghal xi zmien lanqas kien fadallu access ghall-merkanzija. Il-fatt li ma rritornax il-flus mislufa wara li kellhom xi jghidu u li huwa sostna li ma kellu jaghtiha xejn ma jfissirx li kellu l-intenzjoni li jqarraq bil-parte civile sa mill-bidunett.

**It-Tieni Imputazzjoni**

L-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' Mizapproprjazzjoni.

Ghar-rigward tar-reat ta' misappropazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**[23] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

[23] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew din ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr Siegfried Borg Cole**[24] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li:

*"[…F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in nonrestituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita […]. Kif spjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale, Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo. **Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come del furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittmo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportune di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriatmente in sede penale.** Rettamente pertanto fu guidicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l-incaricato di esigere l'importo di titoli, che non acendo potuto compiere tale esazione, trattiene I titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante ne richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo"*[25]

Applikati l-insenjamenti appena riportati din il-Qorti ma tirravizax l-elementi ta' mizapproprjazzjoni fil-kaz odjern.

---

[24] 23 ta' Dicembru 2003

[25] The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

Kif diga' inghad, mill-provi rrizulta li l-parte civile sellfet lill-imputat u kwindi tatu l-flus f'idejh sabiex imur is-Sirja, jgib kontejner bit-tissues u jibda jbieghhom. Ghalkemm ma giet ezebita ebda dokumentazzjoni dwar tali importazzjoni, biss pero' mhux kontestat u accettat mill-partijiet kollha li l-kontejner ingab anki ghaliex thallset id-dwana, il-Freeport eccetra. Kwindi l-iskop tal-flus ossija li jintuzaw ghall-business u affarijiet ancillari gie osservat. L-imputat ghamel uzu tal-flus kif kien maqbul. Il-fatt li ma hallasx lura l-ammont ma jfissirx li kien hemm mizapproprjazzjoni anki ghaliex il-mens rea ma jirrizultax ippruvat. Dan huwa kaz ta' indoli civili. Il-parte civile diga' infatti, kif kellha d-dritt, fittxet lill-imputat civilment u rebhet il-kawza w l-imputat gie kkundannat iroddilha l-flus mislufa.

**It-Tielet Imputazzjoni**

L-imputat jinsab addebitat li hedded bi kliem lil Mari Shires.

Illi d-difiza ssollevat il-preskrizzjoni billi huwa evidenti li din l-imputazzjoni tirreferi ghall-parti tax-xhieda tal-parte civile meta sostniet li t-theddid sar meta hija kienet qeghda ssuq f'Regional Road u dan gara qabel id-9 ta' Frar 2010. L-imputat tressaq b'arrest fit-3 ta' Settembru 2010 w allura ghandha r-ragun d-difiza ssostni dan billi t-terminu preskrittiv kien iddekorra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, filwaqt li tiddikjara t-tielet imputazzjoni bhala preskritta.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**